MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1252/2011

**Tokio Marine & Nichido Fire Insurance Co. Ltd., socjeta estera registrata fil-Gappun, kif surrogata fid-drittijiet ta' Mitsubishi Corporation, socjeta estera registrata fil-Gappun, u kif rapprezentata lokalment**
**mill-mandatarji specjali taghha l-Avukat Dottor Tonio Grech u**
**l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli**

**vs**

**Ocean Trader Maritime Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tad-19 ta' Dicembru 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta intimata hija propjetarja tal-vapur m.v. OCEAN TRADER registrat hawn Malta bin-numru ufficjali 9190004;

2. Illi s-socjeta esponenti, kif surrogata fid-drittijiet ts-socjeta Mitsubishi Corporation, hija kreditrici tas-socjeta intimata ghall-ammont ta' tnejn u tmenin miljun, sitt mija u tmienja u erbghin elf, sitt mija u sitta u hamsin Yen Gappuniz (JPY82,648,656) ekwivalenti ghal tmien mija u tnax-il elf, sitt mija u wiehed u sebghin ewro (EUR 812,671) skond ir-rata Dok. A mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fis-16 ta' Dicembru 2011, dovuti bhala danni, oltre imghaxijiet u spejjez, sofferti fil-merkanzija ta' ross fuq il-bastiment m.v. Ocean Trader, proprjeta tas-socjeta intimata, waqt il-vjagg minn Sacramento, fl-Istati Uniti ta’ l-Amerka, sal-Gappun, u dan skond l-anness survey report anness u markat bhala Dok. B;

3. Illi l-kreditu tas-socjeta rikorrenti jaqa' taht is-subartikolu (10)(v) tal-artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234;

4. Illi a tenur tal-artikolu 37 tal-kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih;

5. Illi r-rappresentanti tas-socjeta rikorrenti ikkomunikaw mas-socjeta intimata dwar din il-kwistjoni izda minghajr success;

6. Illi sa fejn jaf ir-rikorrent nomine l-assi tas-socjeta intimata huwa l-vapur m.v. OCEAN TRADER registrat hawn Malta, u jekk is-socjeta tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, il-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi eluz;

Illi tghid is-socjeta jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. OCEAN TRADER u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati

"mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni din l-Onorabbli Qorti u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors kontestwali, li qed jigi pprezentat ghall-hrug ta' ordni provizorju, kontra s-socjeta intimata li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata fl-4 ta’ Jannar 2012 pero ma dehritx ghas-seduti tat-13 ta’ Frar 2012 u tas-7 ta’ Mejju 2012;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar 2012 u semghet lil Dr. Tonio Grech li kkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut;

Rat l-affidavit tal-marine surveyor Chiaki Nishida li ghamel survey tal-hsarat fil-merkanzija kif ukoll l-affidavit tal-avukat Simon Culhane li spjega s-surroga li saret favur is-socjeta assikuratrici u li inbdew proceduri ta’ arbitragg ghal kreditu dovut. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-premessi attrici jiggustifikaw it-talbiet maghmula.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. OCEAN TRADER u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment; kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

u li tali ordni tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------